**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 1342/2012**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**(Superintendent Rennie Stivala)**
**-Vs-**
**PETER sive PIERRE FALZON**

**Illum, 7 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **PETER sive PIERRE FALZON**, ta' 52 sena, bin Francis u Carmelina nee' Muscat, imwieled Pieta' fil-5 ta' Awwissu 1960, residenti 2B 'Land Bidge Mansions' Dawret il-Gzejjer, Qawra , akkużat talli f'Diċembru 2012 u fis-snin immedjatament preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1 Fil-kapaċita' tiegħek ta' Nutar Pubbliku, approprjajt ruħek billi dawwart bi profitt għalik, jew għal persona oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilek taħt tikolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-

haġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment tas-soċjetajiet Bonavia Properties Limited, Bullit Company Limited, Stephen Sant Fournier, Victor Bonavia, Emanuel Bugeja, Helen Bugeja, Salvina Bartolo, Doris Gatt, Gaetano Xuereb, Christopher Mark Sammut, Lorna Sammut u Francis Mamo Direttur tas-soċjeta' Harmony Holding Limited, u/jew il-Gvern ta' Malta, ai termini ta' l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9, tal-Liġijiet ta' Malta

2 Aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, ikkommettejt tali raet, filwaqt li kont uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sirt ħati ta' reat li int kellek tissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħek kellek id-dmir li timpedixxi, ai termini ta' l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużi nqraw mill-Uffiċjal Prosekutur bil-ġurament fis-16 ta' Jannar 2014;

Semgħet lill-imputat iwieġeb waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat illi l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat fis-27 ta' Lulju 2016 sabiex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti taħt dak li hemm maħsub:

Fl-artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 17, 18, 23, 30(1)(a), 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara wkoll li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl proċedura sommarja;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lilha, kif preseduta, permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef qabel is-seduta tal-1 ta' Novembru 2018;

Semgħet lill-partijiet permezz ta' dikjarazzjoni reġistratat fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2018, jeżentawha milli terġa' tisma' x-xhieda li diġa' xehdu quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li kienu xehdu quddiemha meta kienet preseduta b'mod differenti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-3 ta' Marzu 2022 fejn ċaħdet it-talba tal-imputat għas-sospensjoni tal-proċediment quddiemha sakemm jiġu deċiżi definittivament il-proċeduri Rikors bin-Numru 15/2022 pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Peter sive Pierre Falzon v. Il-Kummissarju tal-Pulizija**;

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fid-29 ta' Marzu 2022 fl-atti tar-Rikors Numru 15/2022 fl-ismijiet **Peter sive Pierre Falzon v. Il-Kummissarju tal-Pulizija**, fejn ordnat li l-proċeduri pendenti quddiem din il-Qorti "*jiġu sospiżi fil-mument li dawn jaslu fl-istadju li l-imputat ikun meħtieġ jagħlaq il-provi tiegħu u qabel ma jagħlaq il-provi tiegħu u li dik il-Qorti tissoprasjedi pendenti d-determinazzjoni finali tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna.*"

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 ġie dikjarat li l-appell mid-deċiżjoni fl-ewwel istanza fir-Rikors 15/2022, ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjoni fl-20 ta' Jannar 2025;

Rat ir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa ippreżentat fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2025 (Dok. MF1);

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2025;

Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali f'dan il-każ jimmanifesta każ klassiku ta' amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja fi proċeduri kriminali li, fil-fehma tal-Qorti, għandhom jitmexxew kemm jista' jkun b'ħeffa li hija kompatibbli mad-dritt tal-proċess ġust u ħarsien tad-drittijiet tal-imputat għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Ibda biex l-azzjoni kriminali tressqet 'il quddiem fl-20 ta' Diċembru 2012, iżda l-akkużi inqraw u l-kumpilazzjoni bdiet tinsema' biss fis-16 ta' Jannar 2014. Imbagħad, wara li f'Lulju 2016 l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat minn din il-Qorti, l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni biex il-każ jitmexxa bil-proċedura sommarja u l-kawża ġiet differita għall-ewwel darba għall-provi tad-difiża, id-difiża ma ressqet ebda provi sal-21 ta' Mejju 2019 meta xehed l-imputat. Iktar minn hekk, din il-Qorti kienet prekluża milli tiddikjara magħluqin il-provi tad-difiża għaliex fuq ordni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-29 ta' Marzu 2022, il-kawża kellha tibqa' tiġi differita pendenti l-eżitu tal-proċediment kostituzzjonali li ġie mniedi mill-imputat biss f'Marzu 2022, b'dan illi l-provi tad-difiża setgħu jiġu magħluqin biss wara li l-imsemmi proċediment ingħalaq bis-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 2025.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' approprjazzjoni indebita, liema reat ġie allegatament imwettaq minnu fil-kapaċita' tiegħu ta' Nutar Pubbliku. L-Avukat Ġenerali xlietu taħt l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ, l-imputat kien jeżerċita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku[1]. Dan jirriżulta mix-xhieda tal-President tal-Kunsill tan-Nutara, Dr. Clinton Bellizzi u fi kwalsiasi każ, m'huwiex fatt ikkontestat. Huwa kien ġie avviċinat minn diversi klijenti tiegħu, kwerelanti f'dan il-każ, biex jippubblika kuntratti ta' bejgħ u xiri ta' proprjeta' immobbli u f'każ minnhom, biex jippubblika dikjarazzjoni *causa mortis*. Bħala parti mid-doveri tiegħu ta' Nutar Pubbliku, l-imputat kellu jiġbor il-ħlas tat-taxxi dovuti lill-awtoritajiet kompetenti biex it-trasferimenti *inter vivos* u *causa mortis* jiġu reġistrati u insinwati.

Madankollu, skont kif qed jiġi allegat mill-Prosekuzzjoni, l-imputat baqa' ma għaddiex il-flus tat-taxxa lid-Dipartiment tat-Taxxi kif kien obbligat jagħmel, u lanqas biss wettaq ir-reġistrazzjoni tal-att u l-ħlas tat-taxxa, jew inkella, għamel dan il-ħlas wara ħafna żmien meta bosta mill-kontraenti kienu diġa' laħqu għamlu kwerela mal-Pulizija fil-konfront tiegħu. Fil-fatt, jirriżulta mill-provi illi kien hemm każijiet fejn ir-reġistrazzjoni tal-kuntratti u l-ħlas tat-taxxi saru tardivament wara insistenza tal-kontraenti, u kien hemm ukoll każijiet oħra fejn l-atti baqgħu qatt ma ġew reġistrati mill-imputat. Huwa stabbilit u f'kull każ mhux kontestat illi meta rċieva l-flejjes rappreżentanti t-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti mingħand il-partijiet kontraenti, l-imputat kien qed jaġixxi fil-kwalita' tiegħu ta' Nutar Pubbliku u huwa għalhekk indiskuss illi dawk il-flejjes ġew fdati lilu minħabba l-professjoni tiegħu.

L-imputat ġie mixli wkoll bħala uffiċjal pubbliku u li sar ħati taħt l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali ta' reat li bħala uffiċjal pubbliku kellu dmir li jissorvejla li ma jsirx jew minħabba l-istess kariga kellu id-dmir li jimpedixxi.

---

[1] Ingħata l-warrant biex jipprattika l-professjonia fl-10 ta' Mejju 1983 – xhieda Dr. Clinton Bellizzi, 21 ta' Mejju 2015.

Mhux ikkontestat li Nutar Pubbliku huwa uffiċjal pubbliku. Dan joħroġ mill-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili li jiddisponi hekk:-

'*In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.*'

L-obbligi tan-Nutar taħt l-Att dwar id-Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa wieħed oneruż tant li l-leġislatur dehrlu li n-Nutar għandu jinżamm responsabbli, *in solidum* mal-persuna li tittrasferixxi b'trasferiment *inter vivos* u l-persuna li takkwista bit-trasferiment, kif ukoll il-persuna li takkwista proprjeta' immobbli *causa mortis*, li jħallas it-taxxa li tkun dovuta u li tkun inġabret fuq l-att relattiv. L-artikolu 50 tal-istess Att jistipola wkoll li kull nutar li jonqos li jħallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fuq xi att riċevut minnu, ikun ħati ta' reat.

Skont l-artikolu 51(1) tal-istess Kap. 364, meta Nutar jirċievi att ta' trasferiment ta' xi proprjetà immobbli jew att ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, sew jekk dak l-att ikun suġġett għat-taxxa dovuta taħt l-Att sew jekk le, huwa għandu, fi żmien ħmistax-il ġurnata (15) tax-xogħol, u flimkien mal-ħlas tat-taxxa, jekk ikun hemm, jagħti avviż ta' dak l-att lill-Kummissarju b'dak il-mod u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jiġu stabbiliti. Imbagħad, is-subartikolu (2) jiddisponi li kull nutar li jonqos li jagħti dak l-avviż fiż-żmien stipolat mil-liġi flimkien mal-ħlas rilevanti kif previst fis-subartikolu (1), jeħel imgħax bir-rata kif preskritta mill-Ministru fuq kull taxxa dovuta fuq it-trasferiment li għalih tirreferi t-taxxa, liema imgħax jinġabar mill-Kummissarju bħala dejn ċivili[2].

Minn dan jikkonsegwi li n-Nutar Pubbliku huwa maħtur u fdat mil-liġi bil-ġbir tat-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti (taxxa tal-boll), ċioe' biex jeżegwixxi dmir

[2] L-artikolu 50 tal-Kap. 55 jelenka dawk l-atti kollha li dwarhom in-nutar pubbliku għandu jagħti lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nota fi żmien ħmistax-il ġurnata, u fin-nuqqas ikun passibbli għall-ħlas ta' penali amministrattiva taħt l-artikolu 128 tal-istess Kap. 55

pubbliku amministrattiv impost mill-istess liġi billi jgħaddi lill-Gvern ta' Malta fiż-żminijiet stabbiliti fil-Liġi il-flejjes rappreżentanti taxxa fuq id-dokumenti li seta' ġew ikkunsinnati lilu mill-kontraenti fuq l-atti pubblikati minnu, u bħala tali, il-funzjoni tiegħu tirrientra fid-definizzjoni wkoll ta' uffiċjal pubbliku kif imfisser fl-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali[3].

Premess dan, il-Qorti tqis illi għandha f'dan l-istadju tistħarreġ u tiddisponi mill-preġudizzjali sollevat mid-difiża fejn argomentat illi l-imputat, ġaladarba ġie mixli bħala uffiċjal pubbliku meta, minflok iħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi dik it taxxa miġbura mingħand il-kontraenti fuq l-att pubbliku fiż-żminijiet stipulati mill-Liġi, skont ma kien dmiru jagħmel skont il-liġi, allegatament għamel użu differenti jew ħażin minn dawn il-flejjes rappreżentanti t-taxxa dovuta, kellu jiġi mixli mhux bir-reat ta' approprjazzjoni indebita iżda bir-reat ta' storn taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali.

Fir-rigward, id-difiża għamlet riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter sive Pierre Falzon**, fejn tabilħaqq f'ċirkostanzi konsimili għall-fattispeċje tal-każ odjern, l-imputat odjern ġie liberat mill-akkuża dwar ir-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qorti f'dik is-sentenza riteniet illi meta n-Nutar Pubbliku, li jkun qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq id Dokumenti u Trasferimenti u jiġbor it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti, minflok iħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi dik it taxxa miġbura mingħand il-klijenti tiegħu fiż-żminijiet stipulati mill-Liġi, jagħmel użu differenti jew ħażin minn dawn il-flejjes rappreżentanti t-taxxa dovuta - inkluż billi jappropria tali flejjes għalih jew għal benefiċċju tiegħu jew ta' ħaddieħor - huwa ma jkunx qiegħed iwettaq sempliċiment ir-reat t'approprijazzjoni indebita aggravata kif imfisser fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, iżda jkun qiegħed jintegra r-reat ta' storn imsemmi fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[3] Dan jiddisponi: "*Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.*"

Fir-rigward, il-Qorti qalet hekk:-

*"Fir rigward tat-taxxa miġbura minnu u mhux imħallsa lill-Erarju Pubbliku l-akkuża kontra tiegħu kellha tkun dik ta' storn u mhux reat ieħor in kwantu jekk l-approprijazzjoni ta' dawn il-flejjes rappreżentanti taxxi tkun seħħet minn Uffiċjal Pubbliku, ir-reat kompetenti kellu jkun dak tal-istorn. Altrimenti, dik l-akkuża kienet tkun difettuża."*

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li hija ma taqbel xejn mal-argoment li l-akkuża ta' approprjazzjoni indebita aggravata fil-konfront tal-imputat, meta bħala Nutar Pubbliku allegatament għamel użu ħażin jew differenti tal-flejjes fdati lilu biex iħallas bihom lid-Dipartiment tat-Taxxi in adempiment tad-dmir impost fuqu bil-liġi, ma tistax treġi għaliex seta' ġie mixli biss bir-reat ta' storn. Din l-interpretazzjoni hija waħda żbaljata u twassal għal konsegwenzi assurdi u anti-ġuridiċi għaliex tippresupponi <u>l-esklużjoni</u> ta' responsabbilita' kriminali tal-aġent li għemilu jkun jissodisfa l-elementi kollha tar-reat ta' approprjazzjoni indebita, sempliċement għaliex ma jkunx ġie mixli wkoll b'reat ieħor iktar gravi li wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu huwa tabilħaqq l-approprjazzjoni indebita.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-aġent tar-reat ta' approprjazzjoni indebita li jaġixxi fit-twettiq tar-reat fil-kwalita' tiegħu ta' uffiċjal pubbliku, ikun jintegra wkoll ir-reat ta' storn, ma jfissirx illi l-Qorti hija prekluża milli ssib ħtija għar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Huwa minnu li ż-żewġ reati huma distinti b'xi elementi materjali kostituttivi in komun, iżda n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li ma tixlix uffiċjal pubbliku li fit-twettiq tad-doveri tiegħu skont il-liġi jagħmel approprjazzjoni indebita tal-oġġett fdat lilu minħabba l-kariga pubblika tiegħu, bir-reat speċjali taħt l-artikolu 127 tal-Kap. 9 ma jistax ukoll jassolvi lill-istess imputat minn responsabbilita' kriminali għar-reat ġenerali ta' misappropjazzjoni taħt l-artikolu 293 u l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali meta l-imputat ikun ġie mixli b'dak ir-reat. Din l-interpretazzjoni hija msaħħa b'riferenza għad-dispożizzjonijiet legali in materja tar-reat ta' falsifikazzjoni fejn il-

leġislatur, meta ried b'mod speċifiku jeskludi lil uffiċjal jew impjegat pubbliku minn responsabbilita' kriminali għal reat partikolari, dan jgħidu espressament bħal, per eżempju fil-każ tar-reat tal-falsifikazzjoni[4]. Iżda fil-każ tar-reat ta' approprjazzjoni indebita u approprjazzjoni indebita aggravat, il-liġi hija inekwivoka meta tgħid li huwa ħati tar-reat "*kull min*" iwettaq l-għemil deskritt fl-istess dispożizzjoni legali, mingħajr ebda kwalifika jew eċċezzjoni; dan ifisser neċessarjament illi uffiċjal jew impjegat pubbliku ukoll jista' jikkommetti dan ir-reat, għad illi huwa riżervat ukoll għalih ir-reat speċjali ta' storn minħabba tabilħaqq il-kwalita' speċjali tiegħu ta' uffiċjal pubbliku.

Hekk ukoll fir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali – liema reat jikkonsegwi serje ta' reati fl-artikoli minnufih preċedenti li l-leġislatur iddispona espressament li jistgħu jiġu kommessi biss minn uffiċjal jew impjegat pubbliku – li jipprovdi espressament li r-reat ta' falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat jista' jiġi kommess biss minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku (noti marġinali): "*Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni ...*" Ħaġa li ma għamilx fil-każ tar-reat ta' approprjazzjoni indebita u għalhekk, kif taraha l-Qorti, uffiċjal jew impjegat pubbliku mhuwiex eżenti minn responsabbiita' kriminali għar-reat ta' approprazzjoni indebita. L-użu tal-kliem "*kull min*" għall-Qorti jfisser kull persuna irrispettivament minn xi kwalita' speċjali li jista' jkollha. Il-leġislatur imkien ma jgħid illi uffiċjal pubbliku ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' misapproprjazzjoni taħt l-artikolu 293 u jew l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali jew jeskludi sejbien ta' ħtija għal dak ir-reat meta l-aġent ikun uffiċjal pubbliku u l-Qorti tirribadixxi illi n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tixli lill-imputat uffiċjal pubbliku biss bir-reat ta' approprjazzjoni indebita u mhux bir-reat speċjali ta' storn, jibbenefika minnu l-imputat billi f'każ ta' ħtija jeħel piena ferm u ferm inqas severa, iżda żgur mhux billi jiġi liberat minn kull ħtija kriminali meta jkun ġie ppruvat li ssodisfa bl-egħmil tiegħu l-elementi kollha tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

[4] Ara dispożizzjonijiet tal-artikolu 179 sa 182 tal-Kap. 9, fost oħrajn.

Dan mhux każ fejn l-elementi tar-reat li dwaru ġie mixli l-imputat fid-dokument li fih l-akkużi u fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, ma jirriflettux il-fatti allegati fil-konfront tal-imputat, bħalma seħħ fil-kawża **Il-Pulizija v. Gianluca Caruana Curran et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Ġunju 2022, fejn l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati biex jiġu ġudikati biss għar-reati taħt l-artikoli 115 u 121 tal-Kodiċi Kriminali u mhux ukoll taħt l-artikolu 120(2) tal-istess Kodiċi, minkejja illi l-fatti li ħarġu mill-atti u l-provi proċesswali kienu jirrientraw fl-iskop tar-reat ta' korruzzjoni attiva taħt l-artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux ir-reat ta' korruzzjoni passiva taħt id-dispożżzjonijiet legali ċitati espressament mill-Avukat Ġenerali. Kif diġa' ngħad qabel, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma hemm xejn fil-fatti tal-każ kif joħorġu mill-atti u mill-provi, li jeskludi li l-imputat, għad illi jidher li aġixxa fl-allegat twettiq ta' reat fil-kwalita' tiegħu bħala Nutar Pubbliku u kwindi uffiċjal pubbliku, wettaq b'għemilu ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, u ma hemm xejn lanqas fid-diċitura tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 li jeskludi s-sejbien ta' ħtija għar-reat meta l-ħati jkollu l-kwalita' ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku.

Fir-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat biss għar-reati taħt l-artikolu 293 u l-artikolu 294 tal-Kap. 9 u mhux ukoll taħt l-artikolu 127 tal-istess Kap. 9. Għalhekk, applikat l-insenjament hawn fuq ċitat, il-Qorti tkun qed tagħmel ħażin kieku kellha ssib lill-imputat ħati tar-reat ta' storn meta dan mhux wieħed mir-reati li ġie mixli dwarhom fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju jew fiċ-ċitazzjoni, iżda billi r-reat ta' misapproprjazzjoni huwa, evidentement, inkluż u involut fir-reat ta' storn tabilħaqq għaliex l-element tal-approprjazzjoni indebita jikkostitwixxi wieħed mill-elementi materjali essenzjali tar-reat ta' storn (li madankollu jeħtieġ il-prova tal-element addizzjonali tal-kwalita' tal-uffiċjal pubbliku), ma hemm xejn li josta sejbien ta' ħtija għar-reat ta' approprjazzjoni indebita anke jekk l-imputat bħala uffiċjal pubbliku seta' u messu jiġi mixli wkoll bir-reat ta' storn iżda ma ġiex hekk mixli. Il-Qorti tirribadixxi li l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas tbatihom il-Prosekuzzjoni u jibbenefika minnhom l-imputat li ma jistax jinsab ħati tar-reat ta' storn stante li ma ġiex mixli b'dak ir-reat u l-kumpilazzjoni ma saritx dwaru, u b'hekk jeħel piena ferm inqas severa.

Din il-Qorti kienet diġa' esprimiet il-fehma tagħha dwar l-interpretazzjoni kontroversjali tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'istanzi fejn persuna tiġi mixlija biss bir-reat ġeneriku minflok ir-reat speċjali – kif ġie invokat mid-difiża b'riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija v. Peter sive Pierre Falzon** tat-18 ta' Ġunju 2021. Hekk per eżempju, fis-sentenza tagħha **The Police (Inspector Audrey Micallef) v. Mark Heath**[5], qalet hekk:

*"This Court agrees that when the Prosecution's witnesses testified about circumstances that clearly fall within the parameters of the particular crime of stalking, the person accused had to also be charged with this specific and graver crime under article 251AA of the Criminal Code, rather than only with the generic crime of harassment. Nonetheless, this Court does not agree that the course of conduct amounting to stalking can be completely detached from the generic crime of harassment under article 251A. Indeed, while it is true that stalking constitutes a specific and aggravated crime and not merely one of the examples of harassment, one of its constitutive elements as defined in article 251AA(1), is precisely a course of conduct in breach of article 251A(1) of the Criminal Code, that is harassment. Only that, for the crime of stalking to subsist, proof of additional and distinct formal elements and material acts, is required. After all, stalking is a course of conduct which, despite amounting also a separate offence, comprises one of the essential elements of the crime of stalking: Blackstone, cited earlier on, describes "the practice of stalking ... [as] arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193)".*

*It is therefore this Court's view that if the course of conduct of person charged* ***only*** *with the generic crime of harassment under article 251A of Criminal Code is also found to constitute the separate and also graver offence of stalking, he can be found guilty of harassment but not also of the graver offence.* ***It certainly cannot mean that the Court must exclude a finding of guilt also for the generic crime of harassment -***

[5] Deċiża fit-28 ta' Settembru 2023.

***of which one of the prime examples is stalking - even if stalking is now an ad hoc crime****.* *Any interpretation to the contrary would yield absurd results, where a person evidently guilty of a particular form of harassment which consitutes a specific crime, but who has been charged only with the generic crime, could not be found guilty of that lesser crime.*

*Therefore, contrary to the pronouncement of the Court in the aforementioned judgement* (**Il-Pulizija vs Paul Lughermo**[6])*, this Court is of the firm view that the crime of harassment under article 251A of the Criminal Code is indeed the minor offence – from the perspective of punishment - comprised and included in the graver distinct offence of stalking and as such,* ***nothing excludes a finding of guilt for the lesser but more-encompassing offence when the graver offence, despite being proved in all its constitutive elements, is not specifically attributed in the avviso da comparire****.*

*Therefore, since all the elements of the offence of harassment under article 251A of the Criminal Code, as established in settled case-law (cited above), have been identified and proved beyond a reasonable doubt, such that the course of conduct of the person accused between the 1st January 2022 and the 6th February 2022, harassed Catherine Ann Buttigieg, he must be found guilty of the crime under the said article 251A of the Criminal Code.*"

Għaldaqstant, qiegħda tiċħad il-preġudizzjali sollevat mid-difiża fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2025 b'riferenza għad-deċiżjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter sive Pierre Falzon**, mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2021.

Ikkunsidrat;

Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta illi l-imputat kien ippubblika kuntratt ta' kompravendita fl-20 ta' Lulju 2006 (Dok. VB2) fejn il-kumpannija Bonavia

---

[6] Deċiża 19 ta' Diċembru, 2016 minn din il-Qorti diversament preseduta.

Properties Limited u l-kumpannija Bullet Properties Limited xtraw flimkien proprjeta' immobbli mingħand diversi vendituri[7]. Mill-provi huwa stabbilit li x-xerrejja kienu ħallsu lill-imputat is-somma ta' Lm10,416 u Lm5,890[8], iżda jirriżulta wkoll[9] illi sal-25 ta' Frar 2016 il-kuntratt kien għadu ma ġiex insinwat u x-xerrejja kkonfermaw li ma kienux irċevew ir-riċevuta tal-ħlas tat-taxxa lid-Dipartiment tat-Taxxi. Fir-rigward, ġew esebiti żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono, (Dok. SZ1 u Dok. SZ2) it-tnejn pubblikati fis-6 ta' Marzu 2019: wieħed magħmul bejn l-imputat u Victor Bonavia, u l-ieħor bejn l-imputat u Bullet Company Limited, fejn l-imputat ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur. In kwantu għal Victor Bonavia, l-imputat ikkostitwixxa ruħu debitur fis-somma ta' €31,592.21, liema somma jidher li tkopri mhux biss it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti dovut minn Victor Bonavia u jew Bonavia Properties Limited, iżda wkoll l-ammont dovut mill-vendituri Minter u oħrajn, in linea ta' taxxa fuq il-qligħ kapitali.

Jirriżulta wkoll mill-provi illi l-istess Victor Bonavia għan-nom ta' Bonavia Properties Limited, kien ittrasferixxa d-drittijiet li kien akkwista fuq il-konvenju li kien ikkonkluda ma' Stephen Sant Fournier u oħrajn għall-akkwist ta' proprjeta' ġewwa San Pawl il-Baħar, lil Bullet Company Limted. L-istess Bullet Company Limited xtrat din il-proprjeta' permezz ta' kuntratt ippubblikat mill-imputat fis-6 ta' Diċembru 2006 (Dok. VB3, Dok. SSF1). Dan il-kuntratt ġie insinwat biss fis-sena 2011 (I 6622/11) u t-taxxi fis-somma ta' Lm1,677 ġew imħallsin lid-Dipartiment tat-Taxxi fis-6 ta' Lulju 2011[10], wara li Victor Bonavia kien għamel rapport lill-Pulizija fir-rigward.

Il-Qorti ma tistax ħlief tibda biex tirrimarka illi l-fatti li jikkonċernaw dawn iż-żewġ kuntratti, konklużi entrambi fis-sena 2006, seħħew xejn inqas minn <u>sitt snin</u> qabel inġiebet 'il quddiem l-azzjoni kriminali odjerna permezz taċ-ċitazzjoni li ġiet

---

[7] Michelle Corinne Minter, Marie Antoinette Attard Montalto u Eileen Busietta.
[8] Ara paġna 44 tal-atti tal-kompilazzjoni. Joseph Caruana in rappreżentanza ta' Bank of Valletta p.l.c. ikkonferma fix-xhieda tiegħu li t-tliet *cheques* bin-numri 881, 882 u 883 li jidhru fil-paġna 44 (parti minn Dok. VB2) ġew kollha msarrfin u l-fondi depożitati fil-kont bankarju ta' Elpirega Limited li l-firmatarji tiegħu kienu l-imputat Dr. Pierre Falzon u Helen Falzon (Dok. JC1 u Dok. JC3).
[9] Ara xhieda ta' Dr. Rachel Grech u Dok. RG1.
[10] Ara riċevuta Dok. VB3 u xhieda Dr. Rachel Grech, Dok. RG3.

ippreżentata fir-Reġsitru fl-20 ta' Diċembru 2012. Dan qed jingħad għaliex l-imputat ġie mixli espressament fiċ-ċitazzjoni, illi kkommetta r-reat ta' approprjazzjoni indebita għad-detriment tal-allegat vittmi msemmija fl-ewwel imputazzjoni, "*f'Diċembru 2012 u fis-snin* *__immedjatament__* *preċedenti*"[11]. Għall-Qorti dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni llimitat espressament il-parametri temporali tal-akkużi għal reati li ġew kommessi fl-ewwel snin ta' qabel is-sena 2012, per eżempju fis-sena 2010 jew is-sena 2011, iżda ċertament mhux għal reati kommessi sitt snin qabel u fil-fehma tagħha bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tista' s-sena 2006 titqies li hija kompriża fis-snin "*immedjatament preċedenti*" għas-sena 2012.

Dan il-prinċipju ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant kien ġie mixli b'reati li kienu ġew allegatament kommessi "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" filwaqt li mill-evidenza rriżulta li l-inċidenti kien seħħ "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*"-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[12]

Imbagħad, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**[13], l-istess Qorti riteniet:-

*"Kwindi d-data indikata fic-citazzjoni qatt ma kellha tigi indikata bhala l-'24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel' billi dan ifisser illi l-appellanti kien qed jigi akkuzat illi ikkometta r-reat addebitat lilu f'dik il-gurnata jew f'xi granet qabel dik id-data u mhux fix-xhur ta' qabel. Illi il-bidu ta' Novembru 2009 certament ma jistax jaqa' fil-*

---

[11] Enfasi tal-Qorti.

[12] See also **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deċiża mill-istess Qorti fl-10 ta' April 2014, u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, 26 ta' Jannar 2017.

[13] 26 ta' Jannar 2017.

*kwalifika tal-kliem "il-jiem ta' qabel" billi dan jirreferi ghax-xahrejn u nofs li jipprecedew iz-zmien indikat. Il-Qorti allura ser tieqaf hawn u tistqarr minnufih illi l-appellanti ghandu ragun fl-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex huwa qatt ma jista' jigi misjub hati li ikkometta r-reat lilu addbitat fid-data indikata fic-citazzjoni billi kellu jirrizulta ampjament mill-atti illi semmai dan ir-reat sehh ghal habta tal-bidu ta'Novembru 2009 jew ghal ta'l-inqas fix-xhur bejn Frar 2009 u Jannar 2010 u mhux certament fiz-zmien indikat fl-akkuza"*

Il-Qorti tistenna illi jekk l-Prosekuzzjoni riedet tinkludi fl-iskop tal-partikolarita' ta' żmien tal-akkużi, fatti li jikkostitwixxu element materjali kostituttiv tar-reat ta' approprjazzjoni indebita - inkluż għalhekk **l-element tal-kunsinna tal-ħaġa lill-aġent tar-reat** - li seħħew fis-sena 2006, sitt snin qabel is-sena 2012, kellha tassigura li ż-żmien tar-reat indikat fiċ-ċitazzjoni kien jinkludi wkoll dik is-sena partikolari, sena li taqa' addirittura fid-deċenn preċedenti anziche' fis-snin immedjatament qabe is-sena 2012. Madankollu, kif ġiet imfassla ċ-ċitazzjoni, huwa ovvju li avvenimenti u fatti li seħħew sitt snin qabel ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi stabbilit il-konkorrenza tal-elementi kostituttivi tar-reati addebitati lill-imputat.

Dan l-insenjament ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Harish Daswani**[14], fejn ġie ritenut, abbażi tal-prinċipju appena msemmi:-

"*... that the Court could not have found guilt on the first charge in view that not all the elements of the offence took place in the period mentioned in the charge sheet. The Court is therefore abstaining from taking cognisance of the second grievance regarding article 248A of the Criminal Code as well as parts of the third grievance through which regard the charge of human trafficking, ...*"

Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-korrezzjoni taż-żmien kif indikat fiċ-ċitazzjoni biex dan jinkludi espressament b'riferenza għall-akkużi, fatti li seħħew fis-sena 2006

[14] Deċiża 16 ta' Frar 2021.

u snin ta' wara, lanqas biex titneħħa l-kelma "*immedjatament*". Għalhekk, billi l-kuntratti pubblikati diversi snin qabel, fl-2006, ma ġewx insinwati, u l-imputat ma ħallasx lill-Kummissarju tat-Taxxi t-taxxa tal-boll li kien irċieva mingħand il-kontraenti fl-istess sena 2006 baqgħet ma ġietx imħallsa skont kif kien obbligat jagħmel bħala nutar pubbliku fit-terminu preskritt mil-liġi, jonqos fir-rigward ta' dawk il-kuntratti u l-flejjes imħallsin lill-imputat il-prova li wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita, ċioe' il-kunsinna ta' oġġett jew flus lill-imputat, seħħ fil-parametri temporali speċifikati fiċ-ċitazzjoni.

Konformement, billi l-fatti konċernanti ż-żewġ kuntratti fuq imsemmija jeżorbitaw mill-parametri ta' żmien tal-akkużi, il-Qorti sejra tistħarreġ biss dawk il-kuntratti li ġew ippubblikati fi żmien li jinkwadra fiż-żmien tar-reati kif speċifikat fiċ-ċitazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll is-segwenti provi:

- L-imputat ippubblika kuntratt ta' bejgħ fl-20 ta' Jannar 2010 li bis-saħħa tiegħu **Victor Bonavia** biegħ proprjeta' lil **Alessio Vella u Josephine Vella** (Dok. VB1), liema kuntratt baqa' ma ġiex insinwat minkejja li l-kontraenti kienu ħarġu l-flus għall-ħlas tat-taxxi tal-boll u fuq il-qligħ kapitali, rispettivament, fis-somma totali ta' €17,850[15] u għaddewhom lill-imputat biex iħallas lid-Dipartiment tat-Taxxi. Il-kuntratt ġie insinwat biss fl-2015 (I 1707/2015)[16], fil-mori ta' dan il-proċediment u wara li Victor Bonavia għamel rapport fir-rigward lill-Pulizija fil-15 ta' Jannar 2011. L-avviż ta' trasferiment *inter vivos* liema avviż, kif rajna qabel, in-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment huwa obbligat li jimlih u jissottomettih lid-Dipartiment tat-Taxxi fi żmien ħmistax-il

[15] Ara *cheque* paġna 33 tal-atti tal-kawża u Dok. AG1. Alessio Vella kkonferma fix-xhieda (13 ta' Frar 2014) li huwa kien ħallas lin-Nutar permezz ta' *cheque* maħruġ mill-kont bankarju tiegħu, is-somma ta' qrib €5,000 u kien ħallas ukoll is-somma dovuta minn Victor Bonavia in linea ta' taxxa tal-boll, ta' ċirka €13,000 u mbagħad kien naqqas dik iċ-ċifra mill-prezz tal-bejgħ. Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' HSBC Bank (Malta) p.l.c. xehdet illi c-*cheque* Dok. AG1 kien ġie msarraf.
[16] Dok. RG1, Dok. RG2.

ġurnata mid-data tat-trasferiment, ġie sottomess mill-imputat lid-Dipartiment flimkien mal-ħlas tat-taxxa tal-boll fis-somma ta' €5,250, fit-13 ta' Frar 2015[17].

- Ġie stabbilit ukoll mill-provi illi **Victor Bonavia** kien xtara proprjeta' ġewwa Ħal Qormi mingħand **Anthony Tanti** permezz ta' kuntratt ippubblikat mill-imputat fis-27 ta' Jannar 2010 (Dok. VB4), u kien ħallas lill-imputat is-somma ta' €12,815 biex minnha huwa jħallas ukoll it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti lid-Dipartiment tat-Taxxi. It-taxxi dovuti fuq it-trasferiment, fis-somma ta' €10,252.69 ġew imħallsin lid-Dipartiment biss fit-30 ta' Ġunju 2011 (Dok. RG4), filwaqt li l-kuntratt ġie insinwat fis-6 ta' Novembru 2011 (I 6457/2011)[18]. Jidher mit-timbru fuq in-naħa ta' wara tac-*cheque* fis-somma ta' €10,252, f'paġna 74 tal-atti tal-kawża, illi dan ic-*cheque* maħrug lill-imputat bid-data tas-27 ta' Jannar 2010, ġie msarraf fit-28 ta' Jannar 2010.

- Jirriżulta wkoll illi **Christopher Mark Sammut u martu Lorna Sammut** kienu xtraw żewġ garages is-Swieqi mingħand **Harmony Holdings Limited**, rappreżentata mid-direttur tal-kumpannija, Francis Mamo, permezz ta' kuntratt ippubblikat mill-imputat fis-17 ta' Frar 2010 (Dok. CS3) u kienu ħallsu lill-imputat is-somma ta' €850 in linea ta' taxxa tal-boll[19], kif ukoll is-somma ta' €2280 għan-nom tal-venditur in linea ta' taxxa fuq il-qligħ kapitali (Dok. CS1), liema somma kienet ġiet imnaqqsa mill-prezz tal-akkwist li l-bilanċ tiegħu kien ġie mħallas lill-venditur[20]. Dawn iż-żewġ *cheques*, li nħarġu lill-imputat bid-data tas-17 ta' Frar 2010, ġew imsarrfin u depożitati fil-kont bankarju ta' Helen Falzon fit-18 ta' Frar 2010[21]. Christopher Mark Sammut għamel rapport lill-Pulizija fil-21 ta' Novembru 2011 (Dok. CS4) għaliex il-kuntratt kien għadu mhux insinwat sa dakinhar, u mix-xhieda ta' Dr. Rachel Grech għan-nom tal-

---

[17] Xhieda ta' Dr. Rachel Grech, 25 ta' Frar 2016.
[18] Ara Dok. RG1 u *cheques* f'paġna 73 u 74 tal-atti.
[19] *Cheque* Dok. CS2.
[20] Dan ġie konfermat minn Francis Mamo, xhieda tat-8 ta' Mejju 2014.
[21] Ara xhieda Joanna Bartolo, 22 ta' Ġunju 2016 u Dok. JB1.

Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta li sal-25 ta' Frar 2016 il-kuntratt kien għadu mhux insinwat.

- **Gaetano Xuereb** xtrara garaxx f'Ta' Paris għall-prezz ta' €8,500 mingħand **Jonathan Vella** permezz ta' kuntratt li ġie pubblikat mill-imputat fid-9 ta' April 2010 (Dok. GX1), u kien ħallas it-taxxa tal-boll fis-somma ta' €425. Meta Gaetano Xuereb sar jaf illi għalkemm għaddiet madwar sena, il-kuntratt kien għadu mhux insinwat, għamel rapport lill-Pulizija fil-konfront tal-imputat fl-1 ta' April 2011[22]. Mix-xhieda ta' Dr. Rachel Grech in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, jirriżulta li sal-25 ta' Frar 2016 il-kuntratt kien għadu mhux insinwat[23].

- **Doris Gatt u Salvina (Sylvia) Bartolo** ikkonfermaw li kienu għaddew lill-imputat diversi pagamenti biex iħallas it-taxxa dovuta minnhom bħala werrieta ta' Roza Agius fuq id-dikjarazzjoni *causa mortis* li kienu għamlu quddiemu fit-2 ta' Jannar 2009, iżda għalkemm jirriżuta li huwa kien ħallas parti mill-ammont lid-Dipartiment tat-Taxxa bħala taxxa dovuta biex jiġi reġistrat it-trasferiment *causa mortis* ta' wħud mill-proprjetajiet li kienu wirtu, is-somma ta' €2,071.63 baqgħet ma ġiex mgħoddija lid-Dipartiment bil-konsegwenza illi wħud mill-proprjetajiet li kienu wirtu baqgħu ma ġewx insinwati f'isimhom[24]. Salvina Bartolo ddikjarat illi huma kienu inkarigaw lill-imputat biex jagħmel denunzja waħda kompluta, iżda huwa kien irreġistra l-proprjetajiet waħda waħda u kull darba kien jitlobhom iħallsu pagament, liema pagament kienu jgħadduh permezz ta' bank drafts (ara paġna 125 sa paġna 128). Doris Gatt u Syvia Bartolo kienu rrapportaw lill-imputat lill-Pulizija fir-rigward tan-nuqqasijiet fid-dikjarazzjoni causa mortis, fil-11 ta' Marzu 2011.

---

[22] Ara xhieda Spettur Maurice Curmi, 22 ta' Ġunju 2016.

[23] Minn Dok. PR1, jirriżulta li sal-11 ta' Lulju 2014 il-kuntratt ippubblikat mill-imputat fid-9 ta' April 2010 ma kienx għadu insinwat.

[24] Ara riċevuti li jammontaw għas-somma ta' €5,700.70 paġna 129 sa paġna 133 – parti minn Dok. DG1.

- **Emanuel Bugeja u Helen Bugeja** kienu xtraw proprjeta' mingħand **B. Tagliaferro and Sons Limited** permezz ta' kuntratt ippubblikat mill-imputat fis-7 ta' Settembru 2010 (Dok. EB1) u bi żvista, it-taxxa tal-boll tħallset doppjament, għaliex filwaqt li t-taxxa kienet kompriża fis-somma li kienu ħallsu permezz ta' bank draft, ix-xerrejja kienu ħarġu wkoll fl-istess ħin *cheque* pagabbli lill-imputat li kien jinkludi d-dritt professjonali tiegħu kif ukoll it-taxxa tal-boll[25]. Għalkemm kienu ntebħu bil-pagament doppju wara xi jumejn u kienu għarrfu b'dan lill-imputat, l-imputat kien radd lura l-ammont f'*cheque* u kontanti[26], biss wara li kien għadda madwar sena u wara li kienu laħqu rrapportaw il-każ lill-Pulizija[27].

Ikkunsidrat;

**L-imputat**, **Pierre Falzon**, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, jaqbel illi huwa kien ippubblika l-kuntratti kollha li issemmew fix-xhieda u kif jirriżulta mill-provi li ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni, u jaqbel ukoll li huwa kien rċieva mingħand il-kontraenti kollha il-flus biex iħallas bihom it-taxxi dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq it-trasferimenti rispettivi - għajr mingħand Gaetano Xuereb. L-imputat saħaq illi Gaetano Xuereb, ix-xerrej fuq il-kuntratt ippubblikat fid-9 ta' April 2010, qatt ma ħallsu u sal-lum għadu qatt ma tah ebda flus u kien għalhekk li ma kienx irreġistra l-kuntratt.

Fir-rigward tal-kuntratt ta' bejgħ bejn Francis Mamo u l-konjuġi Christopher Mark Sammut u Lorna Sammut, l-imputat jammetti li l-kuntratt ma ġiex reġistrat iżda sostna li ma kienx jaf b'dan in-nuqqas. Sakemm sar jaf li l-kuntratt ma kienx reġistrat, inħareġ fir-rigward tiegħu ordni ta' qbid u iffriżar kif ukoll mandati ta' sekwestru u għalhekk, billi kellu flusu kollu miżmum, ma setax iħallas it-taxxa dovuta biex it-trasferiment jiġi insinwat.

---

[25] Ara *cheque* Dok. EB2.
[26] Ara Dok. HB1.
[27] Rapport sar fis-17 ta' Frar 2011.

L-imputat xehed illi minħabba l-mandati ta' sekwestru li nħarġu fil-konfront tiegħu, kellu jwaqqaf kumpannija biex jiddepożita fil-kont bankarju tagħha l-flus li kienu jgħaddulu l-klienti għall-ħlas tat-taxxi u kien joħroġ *bank drafts* intestati lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-fondi depożitat f'dak il-kont għall-ħlas tat-taxxi. Insista li huwa dejjem iddepożita l-flus li kien jirċievi mingħand il-klienti għall-ħlas tad-drittijiet professjonali tiegħu u għall-ħlas tat-taxxi, f'dak il-kont bankarju iżda minħabba volum ta' xogħol u l-fatt li kellu jagħmel ħafna żmien imsiefer b'mod kontinwu, ma laħaqx insinwa l-kuntratti kollha u ħallas it-taxxi dovuti fuq it-trasferimenti.

Xehed ukoll illi bejn l-2009 u l-2011 kien għamel madwar sena msiefer minħabba problemi ta' saħħa ta' martu u dak iż-żmien ix-xogħol kien waqa' lura. Madankollu, meta ġie lura Malta għall-ħabta ta' Lulju 2011 kien laħaq ħallas ammont ta' madwar Lm350,000 f'taxxa tal-boll biex jirreġistra l-kuntratti li ma kienx laħaq insinwahom qabel kellu jsiefer, liema ħlasijiet saru bil-flus li kien hemm depożitat fil-kont bankarju tal-kumpannija fejn kien jiddepożita l-flus kollu tat-taxxi li kien jirċievi mingħand il-klienti.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ jekk humiex riskontrabbli fil-fatti stabbiliti l-elementi kollha tar-reat ta' approprjazzjoni indebita u dan fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali.

L-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi huwa ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifika. Il-piena applikabbli fuq sejbien ta' ħtija tkun iktar severa u l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio,* meta r-reat jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba

l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju[28].

Huwa assodat fis-sistema ġuridika tagħna li biex jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita irid jigi pruvat li l-aġent tar-reat ikun:

1. irċieva flus jew xi ħaġa mingħand xi ħadd;
2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew l-oġġett lura, jew li jagħmel minnha l-użu speċifikat minn min ikun ikkonsenjalu l-ħaġa; u
3. minflok ma jagħmel hekk, iddawwar dawk l-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor[29] bi skop ta' profitt.

Fir-rigward tal-element formali, il Maino jgħid hekk:-

"*Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro*;"[30]

Fl-indaġini dwar il-ħtija o meno għar-reat ta' approprijazzjoni indebita għandha ssir mill-Prosekuzzjoni l-prova tal-użu tal-ħaġa li jkun ġie speċifikat mill-konsenjatur, u wkoll prova li l-aġent ma jkunx għamel minn dik il-ħaġa dak l-użu, jew ikun għamel użu divers[31]: il-ġurisprudenza in materja hija paċifika fis-sens illi l-Prosekuzzjoni għandha l-oneru tipprova fost l-elementi kostituttivi tar-reat, li l-oġġett jew flus li ġie fdat lill-aġent tar-reat ma ntraddux lura, jew ma ntużawx għall-iskop li għalih l-istess oġġett jew flus ikun ġie fdat lilu skont l-istruzzjonijiet tas-soġġett passiv tar-reat, u

---

[28] Artikolu 294 tal-Kap. 9.
[29] **Il-Pulizija vs Enrico Petroni**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ġunju 1998.
[30] Ċitat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija v. Kenneth Vassallo, deċiża fis-17 ta' Ottubru 2016, fejn għamlet riferenza għall-Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951, paġna 105.
[31] **Il-Pulizija v. Carmel Mangion**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Mejju 2014 u konfermata fl-appell b'sentenza tal-15 ta' Jannar 2015.

wkoll li dan sar dolożament bl-iskop li jsir profitt għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor. Mhux meħtieġ b'mod assolut il-prova tal-konverżjoni tal-ħaġa fdata fi profitt għall-aġent tar-reat, għaliex huwa ritenut illi r-reat huwa kkonsmat anke jekk ma jiġix ippruvat il-konverżjoni jew ir-rejalizzazzjoni tal-profitt, basta, iżda, il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova li l-oġġett ġie approprjat indebitament mill-aġent għaliex ma ntużax għall-iskop li għalih ġie kkunsinnat jew fdat lilu.

L-Antolisei fil-kummentarju tiegħu[32] dwar l-artikolu 646 tal-Codice Penale Taljan[33] li jipotetizza r-reat ta' approprjazzjoni indebita b'elementi kostituttivi kważi identiċi għal dawk l-elementi li jsawru r-reat taħt l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, jgħid hekk:

*"Per quanto concerne la consumazione del reato, deve escludersi che sia necessario che l'agente abbia conseguito un profitto, per che dalla formula dell'art. 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta si deve dirigere. Non e' dubbio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.*"

Skont l-Antolisei, dan ifisser illi bil-prova tal-element tad-*dolo* fl-aġent li jdawwar għalih jew għal ħaddieħor l-oġġet bi skop ta' lukru, mhux mehtieg ukoll prova li dawk il-flus kienu attwalment konvertiti fi proprjeta' oħra jew irrejalizzaw profitt. Madankollu, il-Prosekuzzjoni qatt m'hi eżonerata milli tipprova f'kull każ l-approprjazzjoni tal-ħaġa fdata lill-aġent tar-reat permezz tan-nuqqas tiegħu li jrodd il-ħaġa jew li japplika ossia juża l-ħaġa skont it-titolu li taħtu din tkun ġiet fdata lilu, u wkoll addizzjonalment, li din l-approprjazzjoni seħħet dolożament bl-animu tal-lukru. Għalhekk, il-fatt waħdu tal-approprjazzjoni tal-ħaġa fdat lill-aġent tar-reat, mhux

---

[32] Manuale Di Diritto Penali – Parte Speciale I - 1957 pp. 237 para. E.

[33] L-artikolu 646 tal-Kodici Penali Taljan li dwaru jitkellem l-Antolisei jipprovdi hekk: "*Chiunque, per procurare a se' o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o la cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il-possesso, e' punito*, ...". L-artikolu 646 għadu ma ġiex varjat minn dak iż-żmien 'l hawn u għadu fis-seħħ fl-istess forma.

biżżejjed biex jirradika l-ħtija għar-reat ta' approprjazzjoni indebita mingħajr il-prova konkorrenti tad-*dolo*.

Il-Qorti, fuq l-iskorta ta' diversi sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali in materja, taqbel illi l-fatt li jkun għadda ħafna żmien sakemm l-imputat ikun applika l-oġġett jew il-flus skont l-istruzzjonijiet tal-kunsinnatur, dan il-fatt waħdu, għad illi dan jista' jkun indikattiv li l-imputat ikun approprja l-ħaġa, m'huwiex prova li l-approprjazzjoni seħħet dolożament.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole**, deċiża fit-23 ta' Diċembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċitat il-Maino:

"*Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo* di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".

Il-provi jistabbilixxu illi l-imputat, fuq il-pubblikazzjoni tal-kuntratti ta' transferiment ta' proprjeta' immobbli, aċċetta l-ħlas ta' flus mingħand il-kontraenti bl-iskop li jħallas bihom it-taxxi dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq it-trasferimenti relattivi. Kif

ingħad diġa', l-imputat kien f'kull każ legalment obbligat bħala nutar pubbliku Malti u fl-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, biex jiġbor dawn it-taxxi u jgħaddihom lill-awtoritajiet fiskali fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Huwa ppruvat ukoll li l-imputat naqas milli jirreġistra u jinsinwa wħud mill-atti pubbliċi li ġew esebiti fl-atti proċesswali, fit-terminu statutorju stabbilit mil-liġi notarili, u naqas ukoll milli jgħaddi dawk it-taxxi lill-erarju pubbliku in adempjenza mal-obbligu legali tiegħu li jagħmel dan fit-terminu preskritt mill-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti. Il-provi jistabbilixxu wkoll illi bosta mill-kuntratti fuq imsemmija ġew eventwalment, wara trapass ta' diversi snin, insinwati u t-taxxi relattivi ġew imħallsin lill-Kummissarju tat-Taxxi.

Iżda kif rajna, il-fatt li l-imputat ma kienx uża l-flus li ġew mgħoddija lilu mill-kontraenti biex jinsinwa l-att pubbliku relattiv u biex iħallas bihom it-taxxi lill-erarju fit-termini preskritti mill-liġi, ma jfissirx neċessarjament illi l-imputat approprja dawn il-flus għalih jew użahom għal skop differenti u li għamel dan bl-intenzjoni li jagħmel profitt għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor. Dan l-aġir isarraf, bla dubju, fi ksur tal-obbligi imposti fuq l-imputat mil-liġi u nuqqas ta' twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu bħala Nutar Pubbliku, għaliex naqas milli jirreġistra l-att tat-trasferiment *inter vivos* fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-att kif ukoll jagħmel dawk l-atti suċċessivi u konsegwenzjali għall-pubblikazzjoni ta' att pubbliku bil-ħlas tat-taxxi tal-boll li kien irċieva mingħand il-kontraenti, u ġie espost għal proċeduri kriminali u penalitajiet skont kif maħsub fl-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti. Il-fatt li l-imputat ma rreġistrax l-atti u ħallas it-taxxi minnu miġbura, b'mod immedjat u b'żieda ma' dan, il-fatt li telaq minn Malta u għal żmien indefinit barra minn Malta, jistabbilixxi wkoll li huwa kien negliġenti u traskurat fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Iżda dawn in-nuqqasijiet waħedhom, ma jsarrfux ukoll neċessarjament fl-użu tal-flus fdati lill-imputat għal skop differenti, u ma jwasslux ukoll neċessarjament biex jintegra r-reat ta' approprjazzjoni indebita. F'każijiet bħal dawk, il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova addizzjonalment li l-flus li l-imputat rċieva mingħand il-kontraenti

li inkarigawh bħala nutar pubbliku biex iħallas it-taxxi dovuti fuq il-pubblikazzjoni tal-att tat-trasferiment, ġew approprjati bl-animu li dak il-flus jiġi mdawwar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.

Fil-fehma tal-Qorti, safejn għandhom x'jaqsmu dawk il-kuntratti pubblikati mill-imputat li mill-provi jirriżulta illi, għad illi b'mod tardiv, wara t-trapass ta' ħafna żmien u bi ksur tal-obbligi legali tiegħu, l-imputat eventwalment irreġistra l-att tat-trasferiment u ħallas it-taxxi dovuti lill-Kummmissarju tat-Taxxi – ċioe' il-kuntratt ta' bejgħ fl-20 ta' Jannar 2010 li bis-saħħa tiegħu **Victor Bonavia** biegħ proprjeta' lil **Alessio Vella u Josephine Vella** (Dok. VB1), u l-kuntratt ippubblikat fis-27 ta' Jannar 2010 (Dok. VB4) bejn **Victor Bonavia** u **Anthony Tanti** - il-fatt li l-imputat għamel dak li ġie inkarigat jagħmel u ħallas it-taxxi opportuni, inevitabbilment jinnewtralizza l-prova tal-approprjazzjoni tal-flus imħallas lilu mill-kontraenti relattivi u wkoll il-prova li din l-approprjazzjoni saret bil-ħsieb li jagħmel profitt illegali, irrispettivament mill-prova li għamel bil-flus dak li ġie fdat jagħmel, wara li ġie rapportat lill-Pulizija mill-kontraenti klijenti tiegħu.

Anke jekk għal mument il-Qorti tabilħaqq kellha tkun konvinta li l-imputat ma setax uża għall-insinwa tal-kuntratt bil-ħlas tat-taxxi, il-flus li irċieva mingħand il-kontraenti jew xi ħadd minnhom, xorta waħda l-Prosekuzzjoni fil-każ in diżamina naqset milli tipprova l-oriġini ossia l-provenjenza tal-flus li ġew applikati għall-ħlas tat-taxxi fejn dawn ġew imħallsin eventwament. Fil-fatt, ma saritx prova li l-imputat nefaq il-flus li ġabar mill-kontraenti għal skopijiet oħra milli dawk illi kienu intizi biex jintefqu. Hawnhekk tassumi rilevanza x-xhieda tal-imputat li sostna illi meta ġie lura Malta f'Lulju 2011 huwa kien ħallas mill-kont bankarju tal-kumpannija li kien waqqaf biex jevita l-effetti tal-mandati ta' sekwestru li kienu nħarġu fil-konfront tiegħu personalment, liema kont kien jużah bħala '*operating account*' ossia '*clients account*' billi kien jiddepożita fih l-flus li kien jirċievi mingħand il-kontraenti in linea ta' drittijiet u spejjeż professsjonali u ħlas tat-taxxi, l-ammont komplessiv ta' iktar minn

€350,000 f'taxxi tal-boll biex jirreġistra dawk il-kuntratti pubbliċi li ma kienx laħaq insinwahom għaliex kellu jitlaq minn Malta b'mod ħesrem[34].

Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta bl-ebda mod u l-Qorti wara li rat l-i*statements* tal-kont bankarju ta' Elpirega Limited ma' Bank of Valletta p.l.c. li juru li *cheques* li nħarġu minn Victor Bonavia f'isem l-imputat[35], ġew effettivament depożitati f'dan il-kont li mill-provi jirriżulta li huwa wieħed mill-firmatarji tiegħu, u wara li rat li ma jirriżultax mill-provi li l-kumpannija Elpirega Limited kienet fiż-żmien meta ġew reġistrati bosta mill-kuntratti mertu tal-akkużi, milquta minn xi mandat ta' sekwestru jew impediment ieħor, u ma ntweriex li l-flus li ntużaw għall-ħlas eventwali tat-taxxi ma kienux oriġinaw minn dan il-kont bankarju, tqis li ma tistax tkun konvinta lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi l-flejjes li l-kontraenti xehdu li għaddew lill-imputat, ġew uzati mill-istess imputat għal xi skop differenti minn dak li għalhom kien oriġinarjament irċieva l-flus u wisq inqas huwa ppruvat li l-imputat għamel dan bi ħsieb li jagħmel profitt.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Mejju 2012, fil-kawża **Il-Pulizija v. Herbert Cassar**, il-Qorti ċitat il Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para 1951 pg. 103) fejn jgħid:

"*Maino jirriferi ghall-awtur Carrara* 'la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando

---

[34] Ma jirriżultax illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratti u l-ġbir tat-taxxi li dwarhom inħarġu l-akkużi, kien għadu daħal fis-seħħ l-artikolu 24A tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili li jobbliga lin-nutara li jiftħu kont ma' bank kummerċjali lokali li għandu jissejjaħ 'Kont ta' Depożitu Notarili' u li fih in-nutar jiddepożita l-flus kollha depożitati għandu fil-kapaċità professjonali tiegħu. Din id-dispożizzjoni legali daħlet fis-seħħ bl-Att XXIV tal-2011 fis-16 ta' Diċembru 2011, filwaqt li l-iktar kuntratt riċenti li mill-provi jirriżulta li ġie pubblikat mill-imputat u jinsab fil-mira tal-akkużi odjerni, ġie hekk pubblikat f'Settembru 2010. Għalhekk ma kien hemm xejn x'iżomm lill-imputat li jiddepożita l-flus li rċieva dak iż-żmien fl-eżerċizzju tal-professjoni, f'kont bankarju f'isem terz jew f'kont li ma jintużax esklussivament għal dak l-iskop.

[35] Ara *cheques* f'paġna 44 tal-atti tal-kawża.

si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita' ".

Il-Qorti fl-istess sentenza qalet ukoll:-

*"Il-gurista Maino jkompli jghid* 'al trove lo stesso autore ( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale .......'

***Fl-ghar*** (*sic*!) ***ipotesi dana huwa proprju dak li ghamel l-appellant meta rcieva l-flus u ecceda 'nel modo o nel tempo lo stesso uso per quale era la cosa era stata consegnata.*** *' Igifieri l-agir tal-appellant setgha wassal biss ghal kwistjoni civili bejnu u bejn Maria Galea izda qatt ghal reat kriminali."*

Dik il-Qorti kompliet tgħid ukoll hekk:-

".. *l-Maino jghid* 'il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'........... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione inadempiento della obbligazione.'

***Dan (l'animo di lucro) imkien ma rrizulta fl-operat tal appellant. Fl-ghar*** (*sic*!) ***ipotesi kull ma jista' jinghad fil-konfront tal appellant huwa li ttraskura li jaghti l-attenzjoni dovuta ghall-hlas tat-taxxa mill-fondi illi kienu fdati f'idejh minn Maria Galea. B'dan in-nuqqas l-appellant seta' kien passibbli ghal proceduri civili izda certament mhux dawk penali****."*[36] (enfasi ta' din il-Qorti)

---

[36] Ara wkoll in tema, **Il-Pulizija v. Philip Said**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ġunju 2014.

Konformement, il-Qorti ma tarax kif tista', fin-nuqqas ta' provi konklussivi li juru li l-imputat approprja l-flus imħallsin lilu mill-kontraenti biex iħallas bihom it-taxxi dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq it-trasferimenti tal-proprjeta' immobbli, u dawwarhom bil-ħsieb li jagħmel profitt għalih jew għal ħaddieħor (anizche' ttraskura l-obbligi legali tiegħu), issib ħtija għar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Wisq inqas tista' tagħmel dan meta jirriżulta mill-provi li ġab l-imputat, illi huwa ma ħallasx it-taxxi u insinwa l-kuntratti għaliex kellu jqatta' madwar sena msiefer minħabba raġunijiet ta' saħħa ta' martu, u meta jirriżulta li wara li ġie lura Malta f'Lulju 2011 u beda jirreġistra l-kuntratti li kienu b'lura u jipprova jirrimedja n-nuqqasijiet li kien ħalla warajh.

L-istess ħsieb ġie espress mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. Dr. Siegfried Borg Cole**[37] fejn ingħad:-

"*Fil-pessima ipotesi kull ma jista' jinghda fil-konfront ta' l-appellant hu li hu ttraskura, minhabba xoghol iehor li kellu, li jaghti l-attenzjoni dovuta lit-talba ta' Gaglione biex isiru l-konteggi kemm jista' jkun malajr halli li dan jghaddilu l-flus li kienu tieghu. Fin-nuqqas ta' l-element formali tar-reat, l-aktar li seta' kien passibbli l-appellat kien ghal proceduri civili, izda certament ma kien hemm qatt lok ta' dawn il proceduri penali.*"

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-kuntratt konkluż bejn Gaetano Xuereb u Jonathan Vella, liema kuntratt mill-provi jirriżulta li qatt ma ġie insinwat, il-Qorti tosserva illi l-Prosekuzzjoni naqset b'mod speċifiku milli tressaq prova tal-pagament ta' flus lill-imputat biex iħallas bih it-taxxa tal-boll u sabiex jinsinwa l-kuntratt tat-trasferiment. Kemm hu hekk, il-Qorti ma riskontrat ebda prova, bħal kopja ta' *cheque* jew riċevuta, li turi illi Gaetano Xuereb jew xi ħadd għan-nom tiegħu għadda xi flus lill-imputat u

---

[37] *Ibid.*

da parti tiegħu, l-imputat, fix-xhieda tiegħu kif ukoll fl-istqarrija li kien irrilaxxa waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija fl-14 ta' Diċembru 2012, ċaħad b'mod kategoriku li huwa kien irċieva xi flus biex jinsinwa l-kuntratt u saħaq li kien proprju għalhekk li qatt ma rreġistrah. Il-Qorti tqis illi kien jinkombi lill-Prosekuzzjoni tressaq provi ċari u konklussivi li l-imputat irċieva jew ġie fdat bil-flus li allegatament dawwarha bi profitt għalih minflok applikaha għall-użu speċifikat mid-depożitant, u fin-nuqqas ta' ebda prova li l-imputat irċieva xi flus għall-insinwa tal-kuntratt in diżamina, jikkonsegwi neċessarjament li hija mankanti l-prova ta' wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward id-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmul minn Sylvia Bartolo u Doris Grima, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Minn eżami ta' Dok. PR3 jirriżulta li d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmul minn Sylvia Bartolo u minn Doris Gatt fit-2 ta' Jannar 2009 ġiet insinwata riferibbilment għal porzjoni ta' art ġewwa Triq it-Tempesta, Bugibba, permezz ta' I 010078/2010, filwaqt li dikjarazzjoni *causa mortis* bl-istess data 2 ta' Jannar 2009 ġiet insinwata fir-rigward ta' disa' proprjetajiet oħra permezz ta' I 12937/2012 u fir-rigward ta' proprjeta' oħra addizzjonali li ġiet erronjament imħollija barra[38], permezz ta' I 14738/2012.

Minn eżami ta' Dok. PR4, jirriżulta li d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmul minn Sylvia Bartolo u minn Doris Gatt fit-2 ta' Jannar 2009 quddiem l-imputat, ġiet insinwata riferibbilment għall-fond 116, Triq Parades, Bugibba, fl-14 ta' Jannar 2010 permezz ta' I 531/2010, filwaqt li l-istess dikjarazzjoni *causa mortis* ġiet insinwata wkoll l-għada, 15 ta' Jannar 2010 (I 601/2010). Fid-19 ta' Frar 2010 l-imputat insinwa d-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-2 ta' Jannar 2009 riferibbilment għal kwart

[38] Terz indiviż tal-fond bl-isem 'Rhea', ġewwa 12, Parish Street, San Pawl il-Baħar.

indiviż tad-dirett dominju perpetwu u ċens annwu u perpetwu ta' għadd kbir ta' proprjetajiet (I 2722/2010).

Ma jirriżultax, madankollu, liema proprjeta' minn dawk li wirtu Doris Gatt u Sylvia Bartolo l-imputat baqa' ma insinwax u fir-rigward ta' liema żamm għalih xi flus li rċieva in linea ta' taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti. Dan qed jingħad għaliex ma nġabitx prova tal-assi tad-defunta Rosa Agius li għaddew *causa mortis* lill-werrieta tagħha Doris Gatt u Sylvia Bartolo u għalhekk, il-Qorti ma setgħetx tidentifika liema proprjeta' ma ġiex dikjarata u insinwata mill-imputat. Barra minn hekk, meta wieħed jgħodd l-ammont imħallas minn Doris Gatt u Syiva Bartolo permezz ta' *bank drafts* b'rabta mad-dikjarazzjoni *causa mortis* fuq in-naħa l-waħda, u r-riċevuti maħruġa mid-Dipartiment tat-Taxxi fuq in-naħa l-oħra (€5,700.70), id-differenza hija ferm iktar mis-somma ta' €2,071 li skont il-Prosekuzzjoni ġie approprjat indebitament mill-imputat għaliex ma ħallasx bih xi taxxa fuq id-dokumenti u trasferiment dovuta fuq xi proprjeta' oħra li t-trasmissjoni causa mortis tagħha kellha tiġi insinwata iżda ma ġietx. Fi kwalsiasi kaz, l-imputat xehed bil-ġurament illi d-differenza tirrappreżenta l-ammont dovut lilu bħala drittijiet professjonali fuq id-dikjarazzjoni *causa mortis* u ma hemm xejn fl-atti u l-provi li jeskludi dan.

Għaldaqstant, billi ma ġiex ippruvat kif imiss li l-imputat irċieva xi flus bl-iskop li jirreġistra t-trasferiment causa mortis ta' xi proprjeta' partikolari, u jħallas it-taxxi dovuti, iżda baqa' ma għamilx dan, il-Qorti ma tistax issibu ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Ikkunsidrat;

Illi mbagħad, fir-rigward tal-flus li Emmanuel u Helen Bugeja kienu ħallsu doppjament bi żvista, jirriżulta li l-imputat kien radd lura l-ammont kollu li kien irċieva żejjed. Mhux hekk biss, talli l-Qorti tqis illi f'din it-transazzjoni huwa mankanti l-element tal-kunsinna tal-flus lill-imputat taħt titolu li jġib miegħu obbligu tar-radd tal-ħaġa. Huwa stabbilit mix-xhieda ta' Helen Bugeja u Emmanuel Bugeja

illi l-flus ġie mħallas doppjament bi żball u dan l-iżball kienu ntebħu bih biss jumejn wara. Dan il-fatt waħdu jeskludi li l-flus meta għaddew għand l-imputat, għaddew taħt xi titolu speċifiku biex iroddhom lura jew jagħmel xi ħaġa speċifika bihom. L-istruzzjoni biex l-imputat irodd il-flus lura ingħatat biss in segwitu għall-kunsinna, meta l-kwerelanti intebħu bil-ħlas doppju u għalhekk l-element formali tal-kunsinna tal-ħaġa taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew l-użu tagħha b'mod speċifiku, huwa mankanti. Id-dewmien tal-imputat li jrodd lura l-flus li rċieva indebitament minħabba żball tal-kwerelanti, ma jibdel xejn minn din il-konklużjoni u ċertament ma jiswix biex isawwar fih l-element tad-*dolo*, kif diġa' kkunsidrat iktar qabel.

Ikkunsidrat;

Iżda fir-rigward, b'mod speċifiku, il-flus li ġie ppruvat li l-imputat kien irċieva mingħand Christopher Mark u Lorna Sammut fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-garaxxijiet li xtraw mingħand Francis Mamo, liema kuntratt ukoll baqa' qatt ma ġie insinwat, jirriżulta mill-provi illi x-xerrejja ħarġu c-*cheques* għall-ħlas tat-taxxi f'isem l-imputat Pierre Falzon. Iżda mix-xhieda ta' Joanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta p.l.c. huwa stabbilit illi c-*cheques* għall-ħlas tal-flus tat-taxxa tal-boll u taxxa fuq il-qligħ kapitali fis-somma komplessiva ta' €3,530, ġew depożitati f'kont bankarju intestat lil mart l-imputat, Helen Falzon, u mhux ġewwa *clients account* jew ġewwa l-kont bankarju ta' Elpirega Limited li l-imputat huwa firmatarju tiegħu u kien jintuża minnu bħala 'clients account' għad-depożitu u ħlas ta' spejjez u drittijiet professjonali u t-taxxi li jiġbor mingħand il-partijiet kontraenti. Fil-fehma tal-Qorti, bil-ħruġ ta' *cheques* f'isem l-imputat, Christopher Sammut kien qed jispeċifika li c-*cheques* kellhom jiġu depożitati f'kont bankarju li minnu l-imputat seta' jeffettwa l-ħlas dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi għat-taxxi dovuti fuq it-trasferiment tal-proprjeta'. Ma ntweriex li l-imputat huwa firmatarju tal-kont intestat lil Helen Falzon, jew li għandu kontroll fuqu u fuq il-fondi depożitati fih u ma jirriżultax lanqas li l-imputat kellu prokura biex jamministra dan il-kont jew jiġbed il-fondi depożitati fih.

Kif taraha l-Qorti, id-depożitu tal-flus li l-imputat ġabar mingħand il-kontraenti biex iħallas bihom it-taxxi dovuti fuq it-trasferiment tal-proprjeta', ġewwa kont ta' terzi persuni, kont li ma jidhrix li kellu kontroll fuqu, magħdud ma' dan il-fatt li l-imputat naqas għal kollox milli japplika l-fondi lilu fdati biex jagħmel dak li kien obbligat jagħmel u jħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi t-taxxi dovuti, jista' jfisser biss illi l-imputat dawwar għall-benefiċċju ta' terzi l-flus li ġie fdat lilu minħabba l-professjoni tiegħu. Kif ġie stabbilit fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-elementi kostituttivi tar-reat, il-fatt li l-imputat approprja l-pagament u dawwru għall-benefiċċju ta' terza persuna u baqa' ma applikahx għall-iskop li għalih irċeva l-pagament mingħand il-klient, ifisser li approprja indebitament il-flus li ġabar mingħand Christopher Mark Sammut u Lorna Sammut.

Konsegwentement għandu jinsab ħati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita aggravata għad-detriment ta' Christopher Mark Sammut.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ġie stabbilit, huwa ppruvat li l-imputat, bħala nutar pubbliku, huwa uffiċjal pubbliku. Fil-fatt, ġie mixli taħt l-artikolu 141 tal-Kap. 9. F'każ illi jiġu applikati fil-konfront tiegħu id-dispożizzjonijiet tal-artikolu appena msemmi, ikun ifisser li l-piena applikabbli għar-reat li dwaru qed jinsab ħati, għandha tiġi miżjuda mandatorjament bi grad.

L-artikolu 141 tal-Kap, 9 jiddisponi:-

"*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*"

L-interpretazzjoni paċifika fil-ġurisprudenza in materja tal-iskop tal applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali, hi fis-sens illi l-piena għandha tiġi miżjuda f'kull każ fejn uffiċjal jew impjegat pubbliku jinstab ħati ta' kull reat minbarra r-reati li wieħed mill-elementi materjali kostituttiv tagħhom hu l-karattru ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku tal-aġent tar-reat. Korollari ta' dan hu l-fatt illi meta kull reat ieħor minbarra dawk appena msemmija, jiġi mwettaq minn uffiċjal pubbliku li "*kellu jissorvelja biex* (ir-reat) *ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi*", il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad bl-applikazzjoni tal artikolu 141 tal-Kap. 9.

Il-Prof. Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk:-

"*Thus, the members of the Police Force whose duty, by law, it is to prevent offences and to provide for their punishment, if they render themselves guilty of any offence, they cannot escape this aggravation in punishment. Similarly, other public officers in respect of specific offences which they are appointed to prevent or repress, as for instance, Customs guards or officers in regard to Customs offences. Nor is it necessary to inquire whether the offence is committed by the public officer or servant 'in the discharge of his duties'. This is not required by the law ...*"

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat qed jinsab ħati li dawwar bi profitt għal ħaddieħor il-pagament li fl-eżerċizzju tal-professsjoni tiegħu bħala uffiċjal pubbliku, kien obbligat bil-liġi li jiġbor mingħand il-partijiet kontraenti fuq l-att ta' trasferiment ta' proprjeta' immobbli ippubblikat minnu, u jgħaddih lill-erarju pubbliku. Tabilħaqq ir-reat kien wieħed li l-imputat kienu fi dmiru jissorvelja li ma jsirx jew li jimpedixxi milli jsir u konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 141 tal-Kap. 9 huma applikabbli bis-sħiħ fil-każ in diżamina u l-piena għar-reat taħt l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminai, għandha tiżdied bi grad.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jinsab ħati tar-reat ta' misapproprjazzjoni indebita aggravat għad-dannu ta' Christopher Mark Sammut, li kien għaddielu t-taxxa tal-boll dovut fuq it-trasferiment tal-proprjeta' immobbli bis-saħħa tal-kuntratt ippubblikat fis-sena 2010. Kif ġie stabbilit, dan it-trasferiment qatt ma ġie insinwat u għalhekk minkejja li x-xerrej kien ħallas il-prezz fuq il-kuntratt ta' akkwist u ħallas ukoll it-taxxi, it-titolu tal-proprjeta' baqa' jgħajjat lill-venditur bil-konsegwenza wkoll illi fir-rigward ta' terzi, Christopher Mark Sammut u Lorna Sammut ma akkwistaw ebda titolu fuq dik il-proprjeta'. Naturalment, in-nuqqasijiet tan-nutar wasslu biex dawn ix-xerrejja sofrew preġudizzju sostanzjali.

Min-naħa l-oħra, l-imputat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat u meta ġie mixli quddiem din il-Qorti f'dan il-proċediment, kelli fedina penali kompletament netta. Jirriżulta wkoll illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt u l-kommissjoni tar-reat, fl-2010, l-imputat kellu fis-seħħ fil-konfront tiegħu mandat ta' sekwestru (Numru 446/2002)[39] u jirriżulta wkoll – għaliex mhux kontestat – illi għall-ħabta tal-2010 kien għamel żmien twil imsiefer barra minn Malta minħabba problemi ta' saħħa ta' martu u kien f'dan il-kuntest li ttraskura lil xogħolu. L-imputat ipprova jirrimedja n-nuqqasijiet f'xogħolu u fl-obbligi legali tiegħu meta ġie lura Malta iżda in segwitu, bdew jinħarġu diversi mandati ta' sekwestru oħra fil-konfront tiegħu, filwaqt li fl-2015 inħareġ ukoll ordni ta' qbid u iffriżar. Iżda fil-fehma tal-Qorti xejn minn dan kollu ma jista' jnaqqas il-preġudizzju kbir li l-imputat ikkaġuna lil Christopher Mark Sammut u Lorna Sammut li minkejja li ħallsu l-prezz tal-akkwist tal-proprjeta' u t-taxxi dovut, l-akkwist ma ġiex insinwat. Huwa evidenti li l-imputat kellu volum sostanzjali ta' xogħol u kien jippubblika numru konsiderevoli ta' kuntratti - medja ta' elf kuntratt u testment fis-sena (Dok. KG1) - iżda dan il-fatt ma jista' ikun ta' ebda fejda għall-imputat għaliex rinfaċċjat b'xogħol eċċessiv, kellu jżomm lura milli jaċċetta iktar xogħol u jippubblika iktar kuntratti għal ftit taż-żmien sakemm ikun ġie in regola mad-dmirijiet legali tiegħu, u mhux ikompli jippubblika kuntratti u mbagħad ma jirreġistrahomx u ma jħallasx it-taxxi dovuti a skapitu tal-partijiet kontraenti.

---

[39] Dok. ES1.

Il-Qorti tat piż ukoll lir-rapport imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa li ilha diversi snin issegwi lill-imputat taħt Ordni ta' Probation u Ordnijiet Provviżorji ta' Superviżjoni. Minn eżami tar-rapport jirriżulta illi l-imputat dejjem kien konsistenti fl-attendenza għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-Probation, qatt ma wera reżistenza biex jimxi mad-direttivi tagħha u qatt ma ġew riskontrati xi diffikoltajiet fis-superviżjoni. Jirriżulta wkoll li l-imputat ġej minn familja stabbli li baqgħet tagħtih appoġġ u sostenn minkejja l-problemi li kellu mal-ġustizzja, u jagħraf il-ħtieġa li jirrimborsa lill-persuni li fir-rigward tagħhom ma kienx wettaq l-obbligi legali tiegħu iżda dan ma laħaqx seħħ b'mod sħiħ. Ma hemm xejn li juri li għandu jew qatt kellu l-vizzju tad-droga jew vizzji oħrajn iżda ġie identifikat li jbati minn ansjeta' u ġie rakkomandat li jingħata sessjonijiet ta' terapija biex jindirizza dan l-aspett psikoloġiku.

In vista tal-fatt li l-imputat qed jinsab ħati ta' kap wieħed biss ta' approprjazzjoni indebita, fl-isfond taċ-ċirkostanzi li ġew rapportati mill-Uffiċjal tal-Probation u l-ammont mhux sostanzjali tal-flus li ġew approprjati indebitament, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li għandha timponi piena ta' priġunerija effettiva.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 31, 141, 293, 294 u 310(1)(b)[40] tal-Kodiċi Kriminali, issib lil PETER SIVE PIERRE FALZON ħati tal-imputazzjonijiet limitatament safejn jikkonċernaw ir-reat ta' approprjazzjoni indebita kommess għad-detriment ta' Christopher Mark Sammut u Lorna Sammut, u tikkundannah sena priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati**

[40] Hawnhekk għandu jingħad illi bl-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014, il-piena taħt l-artikolu 310 tal-Kap. 9 saret iktar severa f'dawk il-każijiet fejn il-ħsara mwettaq mill-ħati bil-kommissjoni tar-reat, ma kienx jeċċedi elf lira Maltin (€2,392.94), għaliex skont l-artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9 kif kien fis-seħħ fl-2010, iż-żmien meta ġie kommess ir-reat għad-detriment ta' Christopher Mark u Lorna Sammut, il-piena applikabbli kienet ta' priġunerija minn ħames xhur sa tliet snin. Illum bl-applikazzjoni tal-artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9, il-piena fejn il-ħsara hija iktar minn €500 iżda mhux iktar minn €5,000, hija ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin. Għalhekk sejra tapplika l-piena li hija iktar favorevoli għall-imputat, ċioe' l-piena taħt l-artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9 kif kienet fis-seħħ qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014. Il-piena għar-reat taħt l-artikolu 294 tal-Kap. 9 m'hijiex ogħla mill-piena appena msemmija u għalhekk mhux sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kap. 9.

**jikkommetti fi żmien tliet (3) snin reat kriminali li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati li jirrestitwixxi lil Christopher Mark Sammut u Lorna Sammut *in solidum* is-somma ta' tmien mija u ħamsin Euro (€850) fi żmien mhux iktar tard minn sitt (6) xhur.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mal-ordni għall-ħlas.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 30(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb il-warrant ta' nutar pubbliku u għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lill-Kunsill Notarili.**

**Billi ma ġewx maħtura esperti jew periti fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28(A)(8) tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**